# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 9 ta' Ottubru, 2023.**

**Numru 5**
**Rikors maħluf numru 515/2019/1 TA**

**Kevin Camilleri**

***v.***

***Malta Dairy Products Limited* (C-7833)**

1. Dan huwa appell tal-attur minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-1 ta' Marzu 2022 illi ċaħdet talba tiegħu biex il-qorti, wara li tgħid illi kuntratt ta' għarfien ta' dejn bejnu u s-soċjetà konvenuta huwa milqut b'*causa* illeċita, tgħid illi dak il-kuntratt ma jiswiex. Il-fatti safejn relevanti għal dan l-appell huma dawn:

2. B'kuntratt pubbliku tad-29 ta' Mejju 2014 fl-atti tan-Nutar James Grech l-attur għaraf li għandu jagħti lill-konvenuta mitejn u tlieta u ħamsin elf, mija u tlieta u sebgħin euro u tlittax-il ċenteżmu (€ 253,173.13) prezz ta' ħalib u prodotti tal-ħalib mibjuga lilu mill-konvenuta. Id-dejn u l-imgħax relativ ta' ħamsa fil-mija fis-sena (5% *p.a.*) kellu jitħallas fi żmien seba' snin bi

ħlasijiet ta' tlitt elef, ħames mija u tmienja u sebgħin euro u tlieta u tletin ċenteżmu (€ 3,578.33) kull xahar.

3. L-attur intrabat ukoll illi, jekk jonqos milli jħallas fil-waqt, l-imgħax fuq il-ħlas nieqas ikun ta' tmienja fil-mija fis-sena (8% *p.a.*), u, jekk jaqa' lura f'żewġ ħlasijiet, jitlef il-benefiċċju tat-terminu u jkollu jħallas il-bilanċ minnufih. Il-parti relevanti tal-kuntratt tgħid hekk:

> »… … … id-debitur jinkorri l-ħlas ta' mgħaxijiet ulterjuri kalkolati bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq kull rata stipulata li ma titħallasx fid-data meta ssir dovuta, u dan sal-effettiv pagament ta' dik ir-rata jew ta' kull bilanċ.«

4. L-attur igħid illi din l-istipulazzjoni "kjarament ma hija xejn għajr rata ta' imgħax b'effetti użurarji, *stante* l-fatt illi jimponi imgħax ta' tmienja fil-mija (8%) fuq bilanc ta' somma li minnha nniffisha diġà tkun tinkorpora mgħax bir-rata ta' ħamsa fil-mija (5%)".

5. Bla ħsara għal dan, l-attur igħid ukoll illi mandati esekuttivi maħruġa fuq talba tal-konvenuta bis-saħħa tal-kuntratt ma jiswewx għax, billi l-kuntratt ta' għarfien tad-dejn jagħti żmien għall-ħlas, id-dejn ma jistax jitqies bħala wieħed li għalaq qabel ma jkun hemm dikjarazzjoni ġudizzjarja f'dan is-sens.

6. L-attur għalhekk fetaħ din il-kawża u talab *inter alia*[1] illi l-qorti:

> »1. tiddikjara li l-kuntratt fl-atti tan-Nutar James Grech tad-29 ta' Mejju 2014 huwa afflitt minn kawża illeċita;
>
> »2. tiddikjarah l-istess kuntratt null *in toto* jew *in parte*, u konsegwentement tirrexxendih *in toto* jew *in parte* għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi;

[1] It-talbiet l-oħra huma biex jitħassru mandati esekuttivi maħruġa bis-saħħa tal-kuntratt. Billi dawn il-mandati ġew irtirati mill-konvenuta qabel ma ngħatat is-sentenza appellata, l-attur irtira dawn it-talbiet l-oħra u għalhekk ma għandhomx relevanza għal dan l-appell.

»3. … … … ;

»4 fin-nuqqas illi tilqa' l-ewwel tliet talbiet, u kemm-il darba tqis illi minkejja dak li ngħad hawn, il-kuntratt tad-29 ta' Mejju 2015 ma jistħoqqlux jigi dikjarat null *in toto* jew *in parte*, tiddikjara għar-raġunijiet premessi illi l-kuntratt tad-29 ta' Mejju 2014, u/jew l-ittra ġudizzjarja numru 997/16 ma jagħtu u/jew taw l-ebda titolu eżekuttiv lis-soċjetà intimata fil-konfront tar-rikorrenti;

»… … …

»Bl-ispejjeż … … …«

7. Il-konvenuta ressqet dinl-eċċezzjoni, fost oħrajn:

»… … … it-talbiet attrici huma kollha infondati fil-fatt u fid-dritt *stante* illi l-att la huwa afflitt minn xi "klawzola użurarja" kif jittenta jpoġġiha l-attur u wisq anqas minn xi kawża … … … Għal finijiet ta' din ir-risposta jingħad biss illi l-azzjoni ttentata mill-attur hija waħda intenzjonata biss sabiex tkompli tiddilunga l-inevitabbli kundanna tal-attur Kevin Camilleri *stante* illi huwa debitur tal-kumpannija konvenuta fis-somma kapitali totali ta' ħames mija sebgħa u għoxrin elf ħames mija u erbgħin euro tlieta u ħamsin ċenteżmu (€527,540.53), rap-preżentanti bilanċ ta' prezz ta' ħalib u prodotti tal-ħalib mibjugħa u kkonsenjati lilu fuq ordnijiet tiegħu stess … … …«

8. L-ewwel qorti iddeċidiet hekk:

»tilqa' r-raba' eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta;

»tiċħad l-ewwel, it-tieni u raba' talbiet attriċi … … …

»Spejjeż a karigu tal-attur.«

9. Ir-raġunijiet li wasslu lill-ewwel qorti għal din id-deċiżjoni ġew imfissra hekk:

»Ma hemmx dubju li t-talbiet attriċi għandhom jiġu meqjusa fid-dawl tal-artikoli 985, 986(2), 987 *et seq.* u bbażata fuq l-artikoli 1852 u 1853 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

»… … …

»… … … jirriżulta evidenti li l-kostituzzjoni ta' debitu hawn attakkat sar in piena konformità ma dak li titlob l-istess liġi u m'hu milqut min ebda każ ta' simulazzjoni jew kamuffar mhux minnha permess.

»L-attur stess kif rappreżentat jirrikonoxxi dan. … … … L-attur fl-ebda stadju ma għoġbu juri … li l-ammonti f'kapital u f'interessi kif deter-minati u kalkolati mis-soċjetà konvenuta … b'xi mod jimmaskeraw rati ta' mgħax b'effetti użurarji, kif *del resto* hekk kien rikjest minnu li jagħmel. … … … Minflok, huwa iddeċieda jattakka l-klawżola nnifisha tal-kuntratt bħala waħda li hija 'frott' ta' użura.

»… … …

> »Il-liġi taħseb … dwar li mgħaxijiet ma jkunux daqstant pesanti b'mod li jistgħhu jeċċedu l-kaptial fil-każ ta' self ta' flus għall-konsum … … … Ir-regola li l-imgħax ma jistax jitla' aktar mill-kapital hija regola ġejja mid-dritt Ruman, kodifikata fil-*Lex 27 Cod. de usuris* – li tgħid illi l-imgħax mhux imħallas ma jistax jitla' aktar mill-kapital – u fin-Novelli 121 u 138 – li jgħidu li l-imgħax kollu, ukoll dak ġà mħallas, ma jistax ikun aktar mill-kapital. … … …
>
> **»**Imma ir-regola hi li l-imgħax ma jistax jaqbeż il-kapital u mhux ma jsirx parti mill-kapital. Jekk isir parti mill-kapital ikun ifisser li ma hiex kwistjoni ta' mgħaxijiet fuq imgħaxijiet izda magħx fuq kapital proprju, Ovvjament dejjem soġġett għal dak li tgħid il-ligi f'artikolu 1850(2) tal-Kodiċi Ċivili u *cioè* li l-imgħaxijiet "Jistgħu wkoll jitbiddlu f'kapital ġdid, b'imgħax, l-imgħaxijiet magħluqa, basta li dawn l-imgħaxijiet ma jkoll-homx jingħataw għal żmien ta' anqas minn sena".
>
> »Minn eżami tal-atti u dokumenti u kif ukoll mix-xhieda imressqa mill-partijiet, lil din il-qorti ma irriżultalhiex li din ir-regola ma ġietx rispett-ata. Anzi, jirrisulta li sakemm l-attur kien qiegħed iħallas regolarment l-imgħaxijiet bdew jitħallsu flimkien mal-kapital. Dan ifisser li li ma jistax ikun il-każ li sakemm baqa' jħallas l-imgħax dan kien konvertit f'kapital għax dan kien qiegħed jitħallas tempestivament. L-imgħax ta' 8% beda jiddekorri mid-dekadenza u dan skont il-ftehim. F'dan ma hemm xejn kontra il-liġi għaliex din hija l-ogħla rata li tippermetti l-liġi. Il-ftehim kien ċar, li f'każ ta' dekadenza l-imgħax ma jibqax bir-rata ta' imgħax favorevoli ta' 5% izda bl-ogħla rata li tippermetti il-liġi, *cioè* dik ta' 8%.«

10. L-attur appella b'rikors tad-29 ta' Marzu 2022 li l-konvenuta wieġbet għalih fit-3 ta' Mejju 2022.

11. L-ewwel aggravju huwa msejjes fuq l-art. 1002 Kod. Ċiv.[2] u ġie mfisser hekk:

> »L-ewwel aggravju: l-esponenti ma jaqbilx mal-ewwel qorti dwar il-fatt illi hija ma kkunsidratx id-disposizzjoni tal-artikolu 1002 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, u, ulterjorment, ma ddeċidietx illi l-klawsola mertu tal-appell kienet ċara u allura ma jisthoqqilhiex interpretazzjoni.
>
> »L-esponenti ma jaqbilx mal-mod kif l-ewwel qorti ddeċidiet din il-kawza. Fil-fehma tal-esponenti, l-ewwel qorti ddeċidiet il-kawza abbażi ta' prinċipji tad-dritt ċivili li ma kinux dawk li kellha tiddeċiedi dwarhom. Għad illi l-qorti għamlet elenku studjat ferm tal-prinċipju tal-użura fil-liġi ċivili u tal-prindpju tal-*ultra duplum,* sfortunatament jingħad illi hi u tagħmel dan hija ddevjat minn dak li kien verament il-mertu tal-kawża quddiemha, biex tat deċiżjoni li qatt ma kienet il-mertu li kien qiegħed jiġi dibattut, u, minflok, baqgħet totalment fis-silenzju dwar il-veru *causa petendi* ta' quddiemha.

[2] **1002.** Meta l-kliem ta' konvenzjoni, meħud fis-sens li għandu skont l-użu fiż-żmien tal-kuntratt, hu ċar, ma hemmx lok għal interpretazzjoni.

»Fil-fehma tal-esponenti Il-kwistjoni tal-*ultra duplum* kienet għal kollox immaterjali f'din il-kawża. Il-qorti kellha sempliċiment tiffoka fuq il-klawsola relattiva fil-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu, liema kawża [*recte*, klawsola] fl-interpretazzjoni tal-esponenti kienet toħloq effetti użurarji. U allura din il-kawża kienet dwar interpretazzjoni ta' kuntratt, u xejn aktar. Jekk kien hemm il-bżonn illi jiġu analizzati prinċipji legali, kellhom ikunu dawk fuq kif għandu jiġi interpretat kuntratt meta hemm fih klawsola li ftit li xejn għandha lok għal interpretazzjoni. Lil hinn mill-mertu tal-każ, u lil hinn mill-fatt jekk l-esponenti kellux jagħti l-flus jew le, il-prinċipju li kellha tiddeċiedi dwaru l-ewwel qorti huwa jekk japplikax id-dispositiv tal-artikolu 1002 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

»Jekk wiehed jaqra s-sentenza tal-ewwel qorti, l-artikolu 1002 tal-Kap. 16 ma jissemma assolutament imkien, hekk kif ma jissemmewx prinċipji stabbiliti fisSub-Titolu I tat-Titolu IV, Taqsima II, fit-Tieni Ktieb tal-Kodiċi Ċivili, li jitkellmu dwar l-interpretazzjoni tal-kuntratti. Meta l-ewwel qorti pruvat tidentifika l-punti ta' ligi rilevanti, għamlet riferenza għall-artikoli 985, 986(2), 987, 1852 u 1853 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta; dawn l-artikoli kienu rilevanti, imma biss konsegwenti għall-analiżi preċedenti u neċessarja tal-artikolu 1002. Fil-fehma tal-esponenti, il-klawsola rilevanti kienet ċara bizzejjed illi bl-applikazzjoni tal-istess artikolu 1002 tal-Kapitolu 16 ma kienx jeħtiġilha interpretazzjoni kontra dak li kien ċar bil-miktub.

»… … …

»Dak li kellha tagħmel il-qorti kien sernpliċiment illi tikkunsidra jekk il-kliem "imgħax *ulterjuri*" jagħtix lok għall-interpretazzjoni meta huwa miktub b'lingwa tant ċara, u jekk kelma bħal din tistax tiġi interpretata kontra t-tifsira tagħha stess għall-finijiet tal-effetti maħsuba fil-liġi rigward imgħax użurarju. Hija l-umili fehma tal-esponenti illi hawnhekk kien ċar kristall illi gie impost imgħax ta' 5%, u imgħax "ulterjuri", u *cioè* addizzjonali, ta' 8%. Il-qorti ddeċidiet illi hawnhekk ma ġiet imposta l-ebda użura mingħajr ma għamlet analiżi interpretattiva ta' din il-klawsola fid-dawl tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 1002 tal-Kapitolu 16.

»Il-punt ta' liġi li kellha teżamina l-ewwel qorti allura kien jekk din il-klawsola tfallix it-test tal-artikolu 1002, u, ġaladarba hija daqstant ċara, jekk tistax tingħata interpretazzjoni oħra. Ifakkar l-esponenti illi l-istess artikolu fil-liġi jgħid illi meta l-kliem f'konvenzjoni jkun ċar, ma hemmx lok għall-interpretazzjoni. Ifakkar ukoll l-esponenti illi dan ma kienx kuntratt li ġie abbozzat minn xi persuna mingħajr għarfien legali, imma kien miktub minn nutar illi wara kollox il-professjoni tiegħu hija litteralment illi jikteb il-kuntratt.

»Tabilħaqq, f'dan l-istadju l-esponenti ma jħossx li għandu għalfejn jidħol fil-mertu jekk din il-klawsola kinitx ċara jew le, iżda jibbasta jgħid illi huwa għandu aggravju ferm ġustifikat bis-sempliċi fatt illi l-ewwel qorti dan l-aspett legali lanqas biss ikkunsidratu. L-ewwel qorti trattat prinċipji li kellhom ikunu konsegwenti għal dan il-punt legali, mingħajr ma trattat il-punt legali rilevanti *in primis.* L-ewwel qorti assolutament ma setgħetx tinjora dak li hemm miktub fil-kuntratt, u tesprimi ruħha dwar jekk kienx hemm użura jew le qabel ma l-ewwel tara x'inhi r-rilevanza ta' stipulazzjoni kuntrattwali ċara, f'ċirkostanzi ta' din ix-xorta. Ma setgħetx l-ewwel qorti tesprimi ruħha dwar il-ħsieb tal-partijiet mingħajr ma l-ewwel tikkunsidra x'inhi r-rilevanza ta' dak il-ħsieb meta

għandek kuntratt abbozzat minn nutar illi jistipola hu dak li ftiehmu dwaru l-partijiet. Dan il-prinċipju huwa wkoll sostnut bil-prinċipju miġbur fil-brokard Latin *contra scriptum testimonium non scriptum testimonium non fertur*.

»L-esponenti jistenna illi l-appellati se joħorġu jilqgħu għal dan l-appell billi jgħidu illi finalment, fis-sustanza, il-mertu huwa xorta waħda korrett sostanzjalment, L-esponenti rispettosament ma jaqbilx, għaliex kull sentenza trid tiġi trattata bil-mertu tagħha, u kull sentenza trid tikkunsidra l-fattispeċie rilevanti abbinati mal-prinċipji legali li għandhom bżonn jiġu kkunsidrati. L-esponenti dejjem ibaxxi rasu għad-deċiżjoni tal-qorti u dejjem lest li jifhem li qorti ma hijiex dejjem se taqbel miegħu; biss, xorta waħda jħoss illi għandu lok ta' appell jekk punt ta' dritt daqstant fundamentali ma jiġix ikkunsidrat fis-sentenza.

»Tajjeb jingħad ukoll illi lil hinn mill-fatt jekk finalment il-qorti kinitx sejra taqbel mal-esponenti illi l-appellata tat effett lill-klawsoli użurarji sa dakinhar li nfetħet il-kawża, il-fatt jibqa' illi kien jeħtieġ analiżi tal-kuntratt biex wieħed jiddeċiedi dwar il-punt legali hawn fuq deskritt. Tajjeb jiżdied hawnhekk illi lanqas jista' jgħid illi l-esponenti b'xi mod żgwida lill-qorti dwar liema punt ta' dritt kellu jigi kkunsidrat għaliex saħansitra fin-nota ta' sottomissjonijiet finali l-esponenti kien diġà għamel riferenza għall-artikolu 1002, iżda l-qorti xorta waħda dan l-artikolu mhux biss ma kkunsidratux, iżda lanqas biss semmietu mqar darba waħda fis-sentenza.

»L-esponenti sejjer jitlob li din il-qorti tilqa' dan l-appell u tirrimetti l-atti lura lill-ewwel qorti biex tikkunsidra l-punt ta' liġi emerġenti mill-artikolu 1002 tal-Kap. 16. Dan sejjer isir biex il-parti telliefa (tkun min tkun), tkun tista' tibbenefika *mid-doppio esame*.«

12. L-ilment tal-attur ma kienx dwar imgħaxijiet *ultra duplum* iżda dwar imgħax fuq imgħax. Tassew illi l-ewwel qorti ma indirizzatx direttament dan l-ilment tal-attur għalkemm għamlet aċċenn x'aktarx *obiter* għall-art. 1850(2) Kod. Ċiv.

13. Il-kwistjoni essenzjalment hija din: il-konvenut kien intrabat li jagħmel ħlasijiet kull xahar. Kull ħlas kellu qabel xejn imur biex jaqta' l-imgħax sa dakinhar, u dak li jifdal mill-ħlas wara li jinqata' l-imgħax imur għall-kapital. Mela wara li jsir kull ħlas ma jibqgħux imgħaxijiet mhux imħallsa iżda biss il-bilanċ tal-kapital. Il-ħlas imbagħad tax-xahar ta' wara kien l-ewwel jaqta' l-imgħax ta' xahar – *i.e.* mid-data tal-ħlas ta' qabel – fuq il-bilanċ tal-kapital u l-bqija tmur għall-kapital, b'mod għalhekk li sakemm il-ħlasijiet

isiru regolarment l-imgħaxijiet dejjem jinqatgħu bla ma jakkumulaw u l-kapital dejjem jonqos. Dan ifisser ukoll illi kull rata ta' ħlas kienet tinkludi parti li hija mgħax ta' dak ix-xahar u parti kapital.

14. Meta l-klawsola kontestata tgħid illi jgħaddu "mgħaxijiet ulterjuri kalkolati bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq kull rata stipulata li ma titħallasx fid-data meta ssir dovuta", interpretata litteralment tfisser li jgħaddi mgħax ukoll fuq dik il-parti tar-rata maqbuża li hija mgħax ta' xahar. Dan ovvja-ment huwa bi ksur ta' dak li jgħid u jrid l-art. 1850 Kod. Ċiv. li jħalli li jgħaddi mgħax fuq imgħaxijiet magħluqa fil-każ biss li l-imgħaxijiet magħluqa jkunu ta' mhux anqas minn sena, u mhux ta' xahar biss bħal fil-każ tallum.

15. Interpretata litteralment il-klawsola, safejn trid il-ħlas ta' mgħax fuq l-ingħax, ma tiswiex iżda d-disposizzjoni invalida *vitiatur sed non vitiat*. Dan ifisser illi ma tivvizzjax il-kuntratt kollu, kif trid l-ewwel talba, u lanqas ma tivvizzja l-bqija tal-klawsola li trid li fil-każ ta' rati mhux imħallsa l-imgħax fuq il-bilanċ tal-kapital jgħaddi bit-tmienja fil-mija fis-sena (8% *p.a.*) flok bil-ħamsa fil-mija (5% *p.a.*). Fi kliem ieħor, il-klawsola ma għandhiex tiġi interpretata litteralment iżda b'mod konformi ma' dak li trid il-liġi *ut magis res valeat quam pereat.*

16. Billi fil-fehma tal-qorti l-kwistjoni kienet waħda pjuttost sempliċi, ma huwiex il-każ li l-atti jintbagħtu lura lill-ewwel qorti. Fuq din il-kawża tallum tiddependi kawża oħra miftuħa mill-konvenuta tallum kontra l-attur għall-ħlas tal-bilanċ tad-dejn[3], u huwa wisq ovvju li t-talba tal-attur tallum biex l-

[3] Rik. maħluf numru 669/2019, *Malta Dairy Products Ltd v.* Kevin Camilleri

atti jintbagħtu lura lill-ewwel qorti hija biss tattika dilatorja biex titwal ukoll il-kawża l-oħra.

17. Dan l-aggravju għalhekk għandu jintlaqa' fis-sens biss illi l-klawsola kontestata għandha tiftehem fis-sens illi meta jinqabeż ħlas ta' kull xahar l-imgħax igħaddi biss fuq il-bilanċ tal-kapital bit-tmienja fil-mija fis-sena (8% *p.a.*) flok bil-ħamsa fil-mija (5% *p.a.*).

18. It-tieni aggravju jgħid hekk:

> »It-tieni aggravju: hija l-fehma tal-esponenti illi l-ewwel qorti żbaljat meta ma ppronunzjatx ruħha dwar l-effetti esekuttivi tal-ittra ġudizzjarja nru. 997 /1.
>
> »Minkejja l-fatt illi fit-28 ta' Mejju 2019 is-soċjetà appellata rtirat il-mandat ta' qbid bin-numru 67/19 u l-proċeduri tas-*sub hasta* bin-numru 9/19, l-esponenti żamm ferm dawk il-partijiet mit-tielet u mir-raba' talba illi ma ġewx milquta b'tali rinunzja u ċessjoni, u partikolarment dawk li għamlu riferenza għad-dikjarazzjoni mitluba fit-tielet talba *vis-à-vis* l-ittra gudizzjarja nru 997/16.
>
> »L-effetti eżekuttivi ta' din l-ittra qatt ma ġew irtirati, iżda ġew biss irtirati l-atti esekuttivi sussegwenti. Jiġifieri filwaqt illi s-soċjetà *Malta Dairy Products Limited* irtirat il-qbid u s-*sub hasta*, effettivament ħalliet hemm l-effetti esekuttivi illi hija kienet qed tippretendi li għandha *tramite* din l-ittra ġudizzjarja, *ai termini* tal-artikolu 256(2) tal-Kapitolu 12. Prattikament allura, minkejja illi l-kuntratt ma jagħtix titolu esekuttiv (mingħajr sentenza), is-soċjetà appellata żammet ferm l-effetti esekuttivi illi l-artikoli 253(b) *u* 256(2) tal-Kap. 12 jagħtu lill-istess kuntratt.
>
> »L-esponenti japprezza illi din il-qorti forsi sejra tħoss illi d-deċiżjoni ta' dik it-talba kellha biss valur akkademiku. Għalkemm il-valur akkademiku qiegħed hemm, u għalkemm ma jfissirx illi valur merament akkademiku għandu jagħti xi lok għal talbiet illi ma jiġux ikkunsidrati u deċiżi, hemm kwistjoni oħra għaliex l-esponenti insista fuq deċiżjoni fuq din it-talba, liema deċiżjoni għandha valur prattiku serju ferm. Biex l-esponenti jispjega lilu nnifsu, sejjer ifakkar illi l-ittra ġudizzjarja 997 /16, prezentat ruħha bħala li tagħti titolu esekuttiv lis-soċjetà appellata kontra l-esponenti. Il-qorti ma annullatx din l-ittra, u lanqas iddikjarat (kif mitlub fit-tielet talba) illi din l-ittra ma tagħti l-ebda titolu esekuttiv lis-soċjeta intimata, issa appellata. Xi jfisser dan? Dan ifisser illi jekk din il-qorti tikkonferma s-sentenza tal-ewwel qorti illi ikkanonizzat id-dejn, is-soċjetà appellata se tispiċċa tgawdi minn żewġ titoli esekuttivi fuq l-istess ħaġa, bil-perikolu proċedurali illi dan kollu jista' jġib miegħu. Tabilħaqq, għalhekk l-esponenti għamilha ċara fit-talba tiegħu illi anke jekk l-ewwel qorti tqis illi l-kuntratt tad-29 ta' Mejju 2015 ma jistħoqqlux jiġi ddikjarat null, xorta waħda kellha tippronunzja ruħha fuq l-esegwibbilità tal-ittra uffiċjali nru 997/16 biex żgur ma jkunx hemm

żewġ titoli esekuttivi fuq l-istess 'debitu' ġejjin però minn sorsi differenti u minn titoli esekuttivi differenti (sentenza ta' qorti u kuntratt pubbliku).

»Anke kieku l-ewwel qorti dehrilha illi kellha tiċħad kull talba u eċċezzjoni mressqa mill-esponenti, kellha tal-anqas tiddikjara illi l-ittra ġudizzjarja nru 997/16 ma tagħti l-ebda titolu esekuttiv, ġaladarba l-kuntratt pubbliku ma jagħti l-ebda titolu esekuttiv preċedenti s-sentenza ta' qorti. L-ewwel qorti kellha tikkunsidra għalhekk il-prinċipji stabbiliti f'diversi sentenzi illi kuntratt pubbliku b'pagamenti laterali ma joħloqx titolu esekuttiv fl-artikolu 253(*b*) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Hawnhekk, issir riferenza għas-sentenza ta' *Lapsi Holdings Ltd v. HSBC Bank Malta* deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar is-7 t'Ottubru 2015 fejn il-qorti qalet.

> »"… … … *in vista* tal-fatt li l-artikolu 253(6) tal-Kap. 12 jirreferi għal kuntratti fejn id-dejn huwa ċert, likwidu u li għalaq u għalhekk meta jkun hemm ftehim fuq terminu rigward il-pagament il-kreditur ma jistax jitlob li tkun esegwita l-obbligazzjoni qabel l-għeluq ta' dak it-terminu ..."
>
> »"Konsegwentement *una volta* li l-kreditur ma setax jitlob l-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni qabel l-għeluq tat-terminu li f'dan il-każ kien ġie estiż bi ftehim ta' pagament b'rati soġġett ta' klawsola ta' dekadenza, kien ċar li ma setax jingħad li l-kreditu kien għalaq u li allura kien dovut, qabel ma jkun ġie verifikat ġudizzjarjament li ċ-ċirkostanzi li provokaw id-dekadenza kienu seħħew. F'dan il-kuntest il-frażi 'u li għalaq' kellha tiġi bi preċiżjoni interpretata. Il-liġi ma titkellimx fuq kuntratt dwar dejn ċert, likwidu u li jagħlaq imma fuq dejn ċert, likwidu u li jkun definittivament għalaq."

»… … …

»Hemm diversi sentenzi u provvedimenti oħra illi jgħidu l-istess.

»Dan t'hawn fuq huwa punt ta' dritt illi l-qorti kellha tiddeċiedi dwaru biex tiddeċiedi jekk għall-finijiet tal-esegwibbilità *omeno* tal-ittra ġudizzjarja 997/16, kienx jibbasta għas-soċjetà appellata illi jkollha l-kuntratt biex hija tesegwixxi jew inkella kellhiex bżonn id-deċiżjoni tal-qorti biex kwalunkwe debitu allegat jiġi kanonizzat bid-debita sentenza. Bin-nuqqas tal-qorti illi tippronunzja ruħha dwar l-effetti esekuttivi tal-ittra ġudizzjarja, li tittenta tesegwixxi kuntratt pubbliku b'pagamenti mensili, inħolqot sitwazzjoni fejn illum is-soċjetà appellata tista' tiv-vanta żewġ titoli esekuttivi ġejjin mill-istess kreditu.«

19. Huwa minnu li mill-kuntratt innifsu ma jirriżultax illi seħħet il-kondizzjoni – in-nuqqas tad-debitur għal darbtejn li jħallas – biex jintilef il-benefiċċju tat-terminu u għalhekk id-dejn isir wieħed "li għalaq". Dan ma jfisirx iżda illi ebda parti mill-kuntratt ma tkun esegwibbli, għax il-ħlasijiet maqbuża huma partijiet tad-dejn li għalaq. L-attur għalhekk għandu raġun biss

safejn l-attriċi fittxet li tesegwixxi dik il-parti tad-dejn li, dak iż-żmien, kienet għadha ma ngħalqitx.

20. F'kull każ iżda sewwa jgħid l-attur illi llum il-kwistjoni hija biss akkademika, kemm għax bis-sentenza li sejra tingħata llum stess fil-kawża 669/2019 id-dejn qiegħed jiġi kanonizzat, u kif ukoll bis-saħħa tal-*ius superveniens* għax l-aħħar ħlas kellu jsir f'Mejju 2021 u għalhekk id-dejn illum kollu għalaq. Il-kwistjoni għandha biss relevanza għall-għanijiet tal-ispejjeż billi huwa minnu illi meta nfetħet il-kawża d-dejn kien għadu ma għalaqx kollu.

21. Lanqas ma huwa ta' ostakolu l-fatt illi l-konvenuta sejra jkollha żewġ titoli esekuttivi: id-dejn jibqa' wieħed u jkollha kemm ikollha titoli esekuttivi l-konvenuta kreditriċi tista' titħallas darba biss.

22. Fiċ-ċirkostanzi għalhekk ma jibqax meħtieġ provvediment dwar dan l-aggravju.

23. L-aħħar aggravju jolqot l-ispejjeż, u ġie mfisser hekk:

> »Fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, l-esponenti, qajjem ukoll żewġ punti oħra importanti. L-ewwel punt kien illi l-esponenti m'għandux ibati l-ispejjeż relatati mat-tielet, ir-raba' u l-ħames talba tiegħu fir-rikors nru. 515/19, għaliex is-*sub hasta* ġiet irtirata fit-18 ta' Ġunju 2019, u *cioè* wara illi l-esponenti kien ippreżenta din il-kawża, u ressaq it-talbiet biex, fost l-oħrajn, il-qorti tiddikjara illi s-*sub hasta* u l-mandat ta' qbid relattivi huma nulli. L-esponenti jħoss illi, independentement min minn għandu raġun fil-mertu, huwa minn ewl id-dinja illi, ġaladarba t-talbiet numri 3, 4 u 5 ġew *in parte* superfluwi minħabba illi, wara li saru, min kien qed jilqa' dawk it-talbiet għamel proprju dak illi kienu qegħdin jitolbu l-istess talbiet, l-ispejjeż abbinati ma' dawk it-talbiet kellhom ikunu a karigu, f'dan il-kaz, tal-appellata, illi ċediet is-*sub hasta* u l-mandat ta' qbid wara illi saru dawn it-talbiet.
>
> »Biss, jekk wieħed jaqra s-sentenza, se jintebaħ, l-ewwel, illi l-ewwel qorti assolutament ma ikkunsidrat xejn minn dan, u assolutament ma tat l-ebda piż għal dak li seħħ u qalet sempliċiment: "Spejjeż a karigu tal-attur". Hija l-fehma tal-esponenti illi l-ewwel qorti kellha tagħmel din il-kunsiderazzjoni, u saħansitra tilqagħha.«

24. Igħid sew l-attur appellant illi, ladarba l-konvenuta minjeddha għamlet dak li ntalab minnu, u għalhekk impliċitament ammettiet li t-talbiet kienu ġustifikati, u kien għalhekk illi huwa ċeda t-talbiet relativi billi ma baqgħux meħtieġa, dan il-fatt għandu jkollu relevanza għall-għanijiet tal-ispejjeż, u l-qorti sejra għalhekk tirriforma d-deċiżjoni dwar l-ispejjeż.

25. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tirriforma s-sentenza appellata: tik-konfermaha fejn ċaħdet l-ewwel talba tal-attur; tħassarha fejn ċaħdet it-tieni talba u, minflok, tipprovdi dwar dik it-talba billi tgħid illi l-klawsola li trid li jgħaddu "mgħaxijiet ulterjuri kalkolati bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq kull rata stipulata li ma titħallasx fid-data meta ssir dovuta" għandha tiftehem fis-sens illi meta jinqabeż ħlas ta' kull xahar l-imgħax igħaddi biss fuq il-bilanċ tal-kapital bit-tmienja fil-mija fis-sena (8% *p.a.*) flok bil-ħamsa fil-mija (5% *p.a.*); tħassarha fejn ċaħdet ir-raba' talba u tgħid, minflok, li bis-saħħa tal-*ius superveniens* ma għadux meħtieġ li jingħata provvedi-ment dwar dik it-talba.

26. L-ispejjeż, kemm tal-ewwel grad u kemm tal-appell, jinqasmu hekk: tliet ishma minn erbgħa (3/4) jħallashom l-attur appellant u sehem minn erbgħa (¼) tħallsu s-soċjetà konvenuta.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr